San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgha Nru 48 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-Gimgha 8 ta' Awissu 2014 fil 5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti ghal-Laqgha:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Alex Bezzina | Vici Sindku |
| 3 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 4 | Mario Salerno | Kunsiller |
| 5 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 6 | Anne Fenech | Kunsillier |
| 7 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 8 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 9 | Oliver Mallia. | Kunsillier |
| 10 | Mandy Buhagiar | Kunsilliera |

**Skuzat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 11 | Peter Abela | Kunsillier |
| 12 | John Bray | Kunsillier |
| 13 | Daniel Grima | Kunsillier |

**Frans Chircop** — Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.

Il-laqgha bdiet fis-5.35pm.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lill kulhadd tal-attendenza u beda bl-ewwel items fuq l-agenda.

**Approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgha precedenti gew cirkulati minn qabel, dawn ittiehdu bhala moqrija u korretti. Il-minuti gew approvati minn dawk kollha prezenti.

---

**Punti li johorgu mill-minuti**
Il-Kunsilliera Graziella Galea gibdet l-attenzjoni li fil-minuti tal-laqgha precedent f'pagna 2 jitnizzel li sleeping police tpoggiet quddiem id-Day Centre l-antik.

**Karnival tas-Sajf 2014**
Is-Sindku Raymond Tabone prezenta l-programm lill Kunsilliera u heggeg lill kulhadd biex jattendi. Din l-attivita ser issir fis 16 u 17 t' Awissu.

**Kont pendenti tal-Floreal Group.**
Peress li kien tressaq ghall-approvazzjoni kont pendenti li kien ilu ma' thallas u wara li l-Kunsill kien staqsa ghall-parir lill Avukat tal-Kunsill ittiehdet votazzjoni jekk dan l-istess kont ghandux jithallas. L-ammont kien ta' €643. Votazzjoni kienet kulhadd favur li jithallas minbarra Oliver Mallia li ma' qabilx.

**Sub Office tal-Kunsill.**.
Is-Sindku Raymond Tabone staqsa lis-segretarju Ezekuttiv jekk nistghux nibdew nuzaw l-ufficju tal-Kunsill li jinsab fil-pjazza. Is-Segretarju wiegeb li ghad m'ghandux risposta mid-DLG fuq dan.

***1820- Dahal ghal-laqgha, l-kunsillier Robert Piscopo***

**Skeda tal-pagamenti.**
Wara li s-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm xi mistoqsijiet ta' kjarifka fuq l-iskeda ta' hlasijiet, huwa ressaq l-istess skeda ghall-approvazzjoni. Graziella Galea, Anne Fenech u Robert Piscopo astjenew, kontra ma' kien hemm hadd u l-kumplament ivvutaw favur.

**Parkegg fejn l-HSBC.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li kien hemm diversi talbiet biex il-hin tal-parkegg fejn l-HSBC jitwal minn 20 minuta ghall - 40 minuta. Dan ghaliex f' ghoxrin minuta n-nies ma' jilhqux jidhlu jixtru u johorgu. Ghaldaqstant intalbet votazzjoni fuq dan. Kulhadd favur , il-Vici Sindku Alex Bezzina astjena, Oliver Mallia u Graziella Galea kontra. Ghaldaqstant id-decizjoni ghaddiet li jitwal il-hin ghall- 40 minuta.

**Bring-In-Sites**
Wara li saret diskussjoni qasira fuq l-istat hazin ta' certu Bring-In-Sites specjalment dik ta' Burmarrad, dik tas-Sirens fi Triq il-Wileg u dik ta' Mistra Village, gie deciz b'mod unanimu li jitnehhew u titnaddaf l-akwata tal-istess sit.

**Progett pilota tan-Norwegian Grant.**
Is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku Raymond Tabone gew mistiedna jattendu seminars ghat-tnehdija ta' progett pilota taht in-Norwegian Grant bl-iskop li jigu stabbiliti kriterji ta' *benchmarks* ghall hidma tal-Kunsilli Lokali.

**Bus Shelters fil-lokalita taghna.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega li wara li tpogga b'mod temporanju l-istage fl-erba' Mwiezeb – TM ikkonfermaw li ser jehlu 47 Bus Shelters godda fil-lokalitajiet kollha.

**Bexx tal-Palm**
Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ittra mid-dipartiment biex niehdu hsieb inbexxu minhabba l-palm weavel il-palm kollu tal-promenade. Tressqet il-proposta quddiem il-Kunsill u kien hemm qbil unanimu li dan ghandu jsir fil-jiem li gejjin.

**Xelter taz-zwiemel quddiem l-HSBC.**
Gie mgharraf li ser jibda x-xoghol tal-bini ta' *Horse Shelter* quddiem il-bini tal-HSBC fil-pjazza ta' Bugibba.

**Triq Busewdien.**
Is-Sindku Raymond Tabone spjega lil-Kunsill li bi qbil mall-KAB, li ghalih ghall din il-laqgha ghandna c-Cermen Simone Aquilina waslu fi qbil li jithallsu 30K kull sena sakem issir it-Triq ta' Busewdien. Ghaldaqstant huwa kompla jispjega li ser jintefqu 15K mill-Kunsill u 15K mill-KAB ghal dan il-ghan. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Tenders – Bord tal-aggudikazzjoni l-Kunsill kollu.**

1 Open Gym – Hadd ma' tefa t-tender – ghaldaqstant sar il-qbil li terga' tohrog.
2 Bulky Refuse – Giet sospiza l-laqgha biex ikun jista' jitkellem raprezentant tad-Dimbros li tefa' t-tender tal-Bulky Refuse. Il-Kunsillier Oliver Mallia hareg mil-laqgha. Malcolm tad-Dimbros tkellem fuq it-tender.

Il-laqgha tkompliet fid-19.16.
Is-Sindku Raymond Tabone propona li tintghazel l-irhas tender sottomessa – dik tas-Sur Antoine Fenech. Kulhadd favur minbarra l-Vici Sindku Alex Bezzina li astjena u Oliver Mallia li hareg barra mil-laqgha.

3 Accountant tal-Kunsill. – Il-Kunsillier Mario Salerno qal li l-ewwel ghandu jintaghzel l-irhas tender pero ghandna nivverifikaw fuq l-esperjenza li ghandu fuq xoghol tal-Kunsilli. Ghaldaqstant ma' ttiehdet l-ebda decizjoni halli sal-laqgha li gejja nivverifikaw dan.

4 Open Skips – Billi l-irhas tender kienet tad-Dimbros – gie konfermat li tinghata lill Dimbros Ltd.

**Bye-Laws.**
Is-Sindku Raymond Tabone qal li ga saru diskussjonijiet fuq il-bye-laws u ghaldaqstant ghandu jibda x-xoghol relatat biex jitkompla u nimplimentaw dawn il-Bye-Laws. Wara diskussjoni qasira gie deciz li jitkompla x-xoghol biex nimplimentaw il-Bye-Law tax-Xorb f'kontenituri tal-Hgieg f' postijiet pubblici, tal-karrijiet, tal-Kiri ta' Propjeta, u oggetti ghall-bejgh fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Kien hemm il-qbil unanimu biex nipprocedu fuq il-bye-laws kollha minbarra dik tal-inxir tal-hwejjeg u sadanittant il-Kunsilliera jpoggu l-proposti tagghom sal-laqgha li gejja biex jigu approvati fil-laqgha li jmiss..

*Il-Vici Sindku Alex Bezzina hareg fid-1945.*

**Karozzi abbandunati.**
Billi kien hemm ammont ta' karozzi abbandunati fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar u l-Kunsillier Oliver Mallia ghadda l-Kunsill numru ta' vetturi mitluqin u abbandunati, gie deciz li l-karozzi jitnehhew bil-proceduri kollha kif titlob il-ligi u jitpoggew temporanjament fil-parkegg ta' quddiem l-ghalqa tal-Go.

**Traffic management.**

Saret laqgha lill kunsilliera, li attendew is-Sindku Raymond Tabone u Kunsilliera Graziella Galea fejn giet diskussa l-problema ta' Mosta Road. Gie deciz li titnehha centre strip tan-nofs bis-sigar u toqghod indana ta' karozzi. Ghandu jigi konfermat jekk jistax jinqalghu s-sigar u jitpoggew x'imkien iehor.

**Mary Doris Zarb traffic management.**

Rigward ix-xoghol li ghandu jsir fuq ir-roundabout ta' Mary Doris Zarb kien hemm il-qbil li jitqabbad surveryor halli jimmarka mall-art bi prova l-parkeggi godda li jista jsiru u li jimkorpora s-sigra li hemm fuq l-istess roundabout.

Ghaldaqstant ghandhom jitbghatu l-pjanti lill Perit tal-Kunsill biex jibda x-xoghol fuq dawn il-parkeggi.

Affarijiet ohra.

**Ambaxxatur Lokali taz-Zaghzagh.**

Is-Sindku Raymond Tabone informa lill Kunsill biex jinnominaw persuni zaghazagh minn 16 sa 18 il – sena fil-laqgha li gejja.

**Trampoline ta' Fraben**

Gie nnotat li fiz-zona ta' Fraben intrama trampoline li l-kunsill kien hareg in-No Objection diment li jkollu l-permessi kollha necessarji, pero dan tpogga fuq il-bankina u ghalaq parti mit-triq sekondarja u mhux skond kif kien miftiehem mall-Kunsill. Ghaldaqstant ghandu jigi notifikat biex jittranga.

.**Xoghol ta' bankini fejn Torri Wignacourt**.

Is-Sindku Raymond Tabone qal li din il-gimgha tlesta x-xoghol bil-kollaborazzjoni tal-MTA li ghaddew il-materjal tal-pavimentar halli jitranga parti mill hsara li kien hemm fuq il-bankina biswit il-progett tal-gallarija u bl-istess pavimentar jitnehha dak ic-caghak li kien ta' periklu ghan-nies ghax kien qed ikun hemm abuzi ta' tfal li jitfghu l-istess caghaq ghall-isfel fuq in-nies.

**Casa Serena**

Is-Sindku Raymond Tabone qal li x-xoghol fuq il-bankina ta' Casa Serena sar wara li gew il-permessi kollha mehtiega.

**Triq Sant Antnin**.

Gie spjegat lill Kunsill li intbghatet kwestjonarju fuq it-triq li kienet pedonali halli ninghataw ruling minn TM.

**Problema tas-Simar**

Il-Kunsilliera Anne Fenech spjegat lill Kunsill li hemm problema bid-drenagg li johrog minn that il-blat u jiskula fin-naha t'isfel. Anne Fenech qalet li ntbghatet petizzjoni u peress li ma' hemmx persentagg ta' bini ma' hemmx hsieb li ssir it-triq.

**Tabelli godda** – Welcome to St Paul's Bay.

Is-Sindku Raymond Tabone qal li ser jitwahhlu t-tabelli l-godda sponsorjati mill-HSBC.

**Bankijiet fejn il-Kiosk tax-Xemxija.**

Il-Kunsilliera Anne Fenech qalet li fejn il-gabbana l-gdida ta' hdejn gnien Olimpiku qed jitpoggew picnic tables fil-kaxxi tal-parkegg. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li billi l-bankijiet fuq il-bankina qdiemu u sahansitra ghandhom injam imkisser hemm il-hsieb li jitnehhew u jintalab tal-gabbana biex ipoggi l-imwejjed minflokhom. Ghaldaqstant ghandu jigi komunikat dan il-hsieb lill tal-gabbana biex jisponsorja dawn il-bankijiet.

**Heritage Trail.**

Il-Kunsillier Oliver Mallia staqsa lill Kunsill jekk nistghux nitolbu l-approvazzjoni tal passagg tal-injam fit-tela' tal-Heritage Trail. Ghaldaqstant kien hemm il-qbil biex napplikaw mall MEPA.

**Ghaqdiet Sportivi.**
Il-Kunsillier Robert Piscopo talab biex mall-minuti titpogga fuq il-mejda tal-Kunsill ittra fuq forum taht il-patrocinju tal-Kunsill li jghaqqad l-ghaqdiet sprotivi kollha tal-lokal biex jinholoq gharfien fuq l-istess hidma tal-ghaqdiet. B'hekk tinholoq sinergija bejniethom u certu problem komuni forsi jistghu jissolvew flimkien. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Cat's Eyes**
Il-Kunsilliera Jane Chircop spjegat li ghandhom jibdew jehlu cat's eyes mall-kantunieri tal-estensjonijet tal-bankini li jigu approvati mill-Kunsill. Dan kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Wardens.**
Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li ghandu jkun hemm sforz biex jizdiedu l-Green Wardens halli l-lokalita taghna jkollna aktar harsien tal-ligijiet.

**Aggornament tal-laqgha**. Il-laqgha intemmet fid-8.40pm u giet aggornata ghall nhar il-Gimgha 26 ta' Settembru fil-5.30pm.

Raymond Tabone
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.